MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 425/2004

Kawza fil-lista: 21

**Maria Assunta Zerafa, Gilbert Zerafa, Charmaine Zerafa u Malcolm Zerafa**
**Vs**
**Freeport Terminal [Malta] plc [C9984], it-Tabib Principali tal-Gvern u d-Direttur tas-Sahha**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li ppremettew li fis-26 ta' Settembru 1998, waqt li Alfred Zerafa kien qed jahdem fuq il-vapur Marchallenge sorgut fit-Terminal operat mis-socjeta' konvenuta, dana korra gravament u eventwalment tilef hajtu, u li ghal dan huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom stante li l-incident sehh unikament bi htija, negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti

tahhom jew min minnhom; talbu l-likwidazzjoni u kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghad-danni konsegwenzjali;

Rat n-nota tal-ecezzjonijiet tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern li biha fit-tielet paragrafu eccepixxa li "l-azzjoni intavolata mill-attur hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili."[1]

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha fit-tieni eccezzjoni eccepiet "il-preskrizzjoni ta' sentejn u dik ta' hames snin a tenur ta' l-Art.2153 u 2154 tal-Kodici Civili."[2]

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2005 il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-isem "Malta Freeport Terminals Limited [C27581] jigi sostitwit bl-isem "Freeport Terminal [Malta] plc" u l-konvenuti taw ruhhom b' notifikati b' din il-korrezzjoni dak in-nhar stess;[3]

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in parte fuq dawn l-eccezzjonijiet;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat;

Illi l-eccezzjonijiet in disamina huma bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 li jippreskrivi perijodu ta' sentejn ghal danni mhux derivanti minn reat kriminali; u l-Artikolu 2154 li jikkontempla l-preskrizzjoni ghad-danni civili derivanti minn reati kriminali u konsegwenzjali ghall-istess. F' dan l-ahhar kaz il-perijodu preskrittiv huwa relatat mal-perijodu preskrittiv stipulat ghall-azzjonijiet kriminali.

---

1 Fol.10
2 Fol.14
3 Fols.19-20

Illi fil-kaz jirrizulta mill-att tac-citazzjoni li d-danni pretizi huma bazati incident ta' natura kriminuza li fil-kamp kriminali jaghti lok ghar-reat ta' omicidju involontarju. Ghalhekk f' dan il-kaz huwa applikabbli l-Artikolu 2154 u mhux l-Artikolu 2153 tal-Kap.16.

Illi b' applikazzjoni tal-Artikolu 2154 Kap.16 u l-Artikoli 225 u 688 tal-Kap.9, "it-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni civili ghall-hlas u risarciment tad-danni konsegwenzjali ghall-akkuza ta' omicidju involontarju [huwa] dak ta' hames snin.." [App.S. Carmelo Micallef St.John et vs Richard Spiteri et deciza 15.01.2002].

Dwar id-dekorriment tal-perijodu preskrittiv kwinkwennali, huma rilevanti s-segwenti fatti:

Mill-att tac-citazzjoni jirrizulta li l-incident sehh fis-26 ta' Settembru 1998;

Fl-20 ta' Jannar 2003 l-atturi kienu baghtu ittra interpellatorja lis-socjeta' Freeport Terminal [Malta] plc, li giet notifikata fit-28 ta' Jannar 2003, u ghalhekk fil-kors tal-perijodu preskrittiv li, konsegwenza ta' l-istess, gie interrott ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kap.16

Illi c-citazzjoni odjerna giet prezentata fid-9 ta' Gunju 2004 u notifikata lill-konvenuti fit-22 ta' Gunju 1994; u l-korrezzjoni saret fil-15 ta' Frar 2005 u l-konvenuti taw ruhhom b' notifikati fl-istess jum. B' hekk ma lahaqx skada l-perijodu preskrittiv ta' hames snin li rega' beda jiddekorri mit-28 ta' Jannar 2003.

Illi in vista tal-premess l-eccezzjonijiet in disamina huma nsostenibbli.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tirrespingi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, bl-ispejjez kontra l-istess; u tirrespingi t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjez kontra l-istess. Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------